**L-ELABORAZZJONI**
**TAL-KRITERJI GĦALL-ASSESSJAR TAL-FIELDWORK**
**FL-ISTUDJI SOĊJALI**

**A: IL-KRITERJI GĦALL-ASSESSJAR (fil-qosor)**

| | **Kriterji** | **Marki** |
|---|---|---|
| a. | il-parteċipazzjoni, il-ħila li ssegwi l-istruzzjonijiet | **5** |
| b. | ħiliet ta' osservazzjoni, identifikar u irrekordjar | **5** |
| ċ. | l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura | **5** |
| d. | Il-preżentazzjoni tad-dokument finali | **5** |
| | TOTAL | **20** |

**B: L-ELABORAZZJONI TAL-KRITERJI**:

| | **Kriterji** | **0-1** | **2-3** | **4-5** | **Marka** |
|---|---|---|---|---|---|
| a. | **Il-parteċipazzjoni, il-ħila li ssegwi l-istruzzjonijiet** | Nuqqas ta' nteress; jiddependi fuq ħaddieħor. | Juri nteress b'xi mistoqsijiet jew risposti; kultant jieħu inizjattiva biex ifittex ir-risposti. | Juri nteress b' mistoqsijiet jew risposti; jieħu inizjattiva kontinwa biex ifittex ir-risposti. | |
| b. | **ħiliet ta' osservazzjoni, identifikar u irrekordjar** | Jiġi ggwidat kontinwament x'għandu jiġi innotat u osservat; jingħata ħafna għajnuna biex jikteb risposti. | Jinnota u josserva b'għajnuna; jikteb risposti b'għajnuna. | Jinnota u josserva b'mod indipendenti; jikteb risposti waħdu. | |
| ċ. | **l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura** | Jasal għall-interpretazzjoni wara spjegazzjoni. | Interpretazzjoni koretta. | Interpretazzjoni koretta u bi spjegazzjoni. | |
| d. | **Il-preżentazzjoni tad-dokument finali** | Xogħol mhux ċar u mhux komplut | Xogħol mhux ċar imma komplut | Xogħol ċar, bir-risposti kollha | |
| | | | | **Total** | |

**C: IKTAR SPJEGA**

(a) **IL-PARTEĊIPAZZJONI, IL-ĦILA LI SSEGWI L-ISTRUZZJONIJIET**: nagħmlu differenza bejn studenti li waqt il-*fieldwork* juru l-interess, u oħrajn li juru nuqqas ta' nteress fil-proċeduri. Għandha tittieħed nota wkoll ta' kemm l-istudent juri ħila li jaħdem b'mod indipendenti, dejjem skont l-istruzzjonijiet mogħtija fil-fuljett uffiċjali.

(b) **IL-ĦILIET TA' OSSERVAZZJONI U IRREKORDJAR**: issir differenza bejn studenti li jimpenjaw ruħhom biex jinnutaw u josservaw, ħalli mbagħad ikunu jistgħu jiktbu l-osservazzjonijiet tagħhom u t-tweġibiet fil-fuljett. Inħeġġu lill-istudenti biex juruna li huma kapaċi jieħdu l-inizjattiva.

Jitnaqqsu xi marki (minn 5) lil min jistrieħ wisq fuq l-osservazzjonijiet ta' sħabu u/jew tal-għalliem, ma jippruvax isib l-affarijiet waħdu u min jikkopja.

(ċ) **L-INTERPRETAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI MIĠBURA**: dan il-kriterju jista' joħroġ minn xi mistoqsijiet (mhux kollha). Nieħdu eżempju mill-*fieldwork* tas-6 Sena. Insemmu l-mistoqsija numru 2, "Għaliex is-swar huma b'saħħithom ħafna?" L-istudenti li kapaċi josservaw, għandhom jinnutaw kif is-swar tal-Belt Valletta huma mħaffrin fil-blat u mhux mibnija ġebla fuq oħra. Għalhekk l-istudent ikun qiegħed jinterpreta l-informazzjoni li ġabar/osserva fuq is-sit stess, meta jasal għall-konklużjoni li swar imħaffrin fil-blat huma ferm iktar b'saħħithom minn ħitan mibnija. Nieħdu eżempju ieħor bin-numru 17. Il-mistoqsijiet a, b, ċ u d huma biss informazzjoni dwar il-Konkatidral ta' San Ġwann, imma mistoqsija 'e' dwar kif siti storiċi bħall-Konkatidral jistgħu jgħinu lill-ekonomija Maltija billi jattiraw turisti lejn pajjiżna, hija l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura. Nieħdu eżempju ieħor mill-*fieldwork* tal-5 Sena dwar Marsaxlokk. Mistoqsija numru 9 titlob osservazzjoni, il-poppa tal-luzzu tkun ġejja għall-ponta, tal-kajjikk tkun ċatta. Mistoqsija numru 10 titlob interpretazzjoni mill-istudenti. Bil-ħsieb jistgħu jaslu għall-konklużjoni li d-dgħajjes żgħar ma jintużawx għas-sajd imma biex is-sajjieda jmorru minn fuq ix-xatt għal fuq il-luzzu jew l-iskuna li tkun ankrata 'l barra fil-port.

(d) **PREŻENTAZZJONI TAD-DOKUMENT FINALI**: xogħol pulit u ċar, l-ebda mistoqsija ma tkun tħalliet barra.

Jannar 2015

*Joanne Grima*
Direttur
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

*Anton Farrugia u Tony Pace*
Uffiċjali Edukattivi Primarja